# L-Imperattiv (il-kmand)

## Ftira biż-żejt



**L-Ingredjenti**

ftira
kunserva
tonn taż-żejt
żebbuġ
ħjaru mqatta'
tursin
żejt
ġbejniet
bżar u melħ
żejt taż-żebbuġ

**Il-Metodu**

1. Aqsam il-ftira min-nofs.
2. Dellek iż-żewq nofsijiet bil-kunserva.
3. Ġo skutella, itfa' t-tonn taż-żejt, iż-żebbuġ, il-ħjaru mqatta', it-tursin, iż-żejt u l-ġbejniet.
4. Ħawwad kollox flimkien.
5. Ifrex it-taħlita ġol-ħobża.
6. Roxx ftit bżar, melħ u żejt taż-żebbuġa.

**Taħriġ A: Aqta' linja taħt il-verbi li qegħdin fil-kmand fis-sentenzi li qed jispjegaw il-metodu.**

**Taħriġ B: Poġġi l-verbi li huma miktuba fil-parentesi *fl-imperattiv* u wara daħħalhom fit-tisliba. *GĦ* u *IE* jinkitbu f'żewġ kaxxi.**

**MIMDUDIN**



1. ________________ (nota) l-ġmiel ta' nżul ix-xemx.
3. Illum ________________ (libes) il-beritta għax ix-xemx qawwija.
5. Hekk kif toħroġ, ________________ (għalaq) il-bieb warajk.
6. Dejjem ________________ (obda) 'l min iridlek il-ġid.
7. ________________ (resaq) ħdejja ħalli nkellmek.



**WEQFIN**

2. ________________ (ħasel) il-platti.
3. ________________ (talab) l-għajnuna f'mumenti diffiċli.
4. Jekk jogħġbok, ________________ (laħlaħ) saqajk mir-ramel qabel tidħol fil-karozza.



